# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2017**

**Kawza Numru : 23**
**Rikors Guramentat Numru : 936/2016/LSO**

**Emanuela k/a Liliana Attard**
**(I.D. 294170 M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Emanuela k/a Liliana Attard (I.D. 294170 M) datat 19 ta' Ottubru 2016 fejn esponiet: -

Illi l-attrici twieldet nhar it-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u sebghin (1970) gewwa l-Isptar San Luqa, Pieta', Malta, hekk kif jidher fil-vera kopja tar-registrazzjoni tat-twelid mmarkat bhala 'Dok. A';

Illi hekk kif jirrizulta mill-anness estratt tar-registrazzjoni tat-twelid, mmarkat 'Dok. A', l-esponenti giet imnizzla fl-Att tat-Twelid tar-Registru Pubbliku bhala 'Emanuela', bint Carmel Azzopardi u Mary Azzopardi nee' Bond, bin-numru 2941/1970, vera kopja ta' dana l-estratt qieghed jigi mmarkat bhala 'Dok. B';

Illi l-esponenti madanakollu meta giet mghammda fil-Knisja Kattolika fit-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elf disgha mija u sebghin (1970) isimha giet irregistrata fir-Registru tal-Knisja bhala 'Liliana' u mhux 'Emanuela'. Vera kopja tac-Certifikat tal-Maghmudija mmarkat bhala 'Dok. C;

Illi llum il-gurnata l-karta tal-identita' tal-esponenti fuq il-faccata taghha turi li hija rregistrata bhala 'Emanuela k/a Lilian', kopja tal-Karta tal-Identita' mmarkata bhala 'Dok. D';

Illi l-esponenti fuq il-passaport tar-Repubblika ta' Malta bin-numru 846141 mahrug fuq isimha mill-Awtoritajiet kompetenti Maltin, sahansitra ghandha nota li hija wkoll maghrufa bhala 'Lilian', vera kopja ta' liema tinsab mmarkata bhala 'Dok. E';

Illi *deltronde* sa minn meta twieldet, l-familjari u l-hbieb tal-esponenti Ikoll jafuha, minn dejjem u konsistentement, bhala 'Liliana';

7. Illi tali inkosistenza kkawzat u qieghda tikkawza diffikultajiet prattici lill-attrici;

Illi ghalhekk l-attrici tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jigi registrat, fl-Att tat-Twelid taghha, l-isem li hija kienet konsistentement maghrufa bih, ossija 'Liliana', minflok 'Emanuela', u dan wara li ssir id-debita korrezzjoni;

Illi ghalhekk, kellha ssir din il-kawza sabiex il-konvenut jigi ordnat jaffettwa d-debita korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid billi l-isem tal-esponenti jinbidel minn 'Emanuela' ghal 'Liliana';

Illi sussegwentement ghandu jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti illi d-dokumenti kollha ufficjali sussegwenti tal-esponenti Emanuela k/a Liliana Attard (I.D. 294170 M) jigu kkorreguti sabiex isimha jigi mibdul f'kull dokument ghal dak ta' 'Liliana'.

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna:

1 Tordna, *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili, l-pubblikazzjoni ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Tiddikjara illi l-isem li l-attrici kienet konsistentement maghrufha bih huwa 'Liliana' u mhux l-isem li jidher fuq l-Att ta' twelid taghha, ossija 'Emanuela';

3. Tordna korrezzjoni fl-Att tat-twelid li jgib in-numru elfejn, disa’ mija u wiehed u erbghin tas-sena elf disa’ mija u sebghin (2941/1970) billi fil-kolonna nteressata 'isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' jithassar l-isem 'Emanuela' u jibqa' biss jigi registrat lisem 'Liliana' 'Dok. A’;

4. Tordna wkoll il-korrezzjoni tal-isem fil-postijiet relattivi taghhom in kwantu c-certifikat taz-zwieg tal-esponenti li jgib in-numru 681/1992 'Dok F', ic-certifikat tat-twelid tat-tifel tal-esponenti, Kurt Attard li twieled nhar it-tlettax (13) t'Ottubru tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin bin-numru 4386/1995 'Dok. G' u anke l-passaport tal-esponenti li jgib in-numru 846141 'Dok. E'.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta’ Dicembru 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 22 ta’ Settembru 2016 (fol 24) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi in linea preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti kif ukoll mill-Art ta' Twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2941 tas-sena 1970, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni ghal annotazzjoni fl-att ta' twelid ta' isem ir-rikorrenti fil-kolonna *'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* u cioe' li jigi jinqara 'Liliana' minflok 'Emanuela' salv pero` li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli;

4. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

5. Illi pero` l-esponent ma huwiex il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-talba ghall-korrezzjoni tal-passaport;

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 15 ta' Dicembru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat, u Dr Josette Sultana ghall-attrici. Dr Sultana ddikjarat li m'ghandhiex provi. Dr Tanti ddikajrat wkoll li m'ghandhiex provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2017 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta saret debitament fl-24 ta' Ottubru 2016 (fol 20) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed titlob li isimha kif registrat fl-att tat-twelid jigi korrett billi l-isem "Emanuela" jigi sostitwit bl-isem "Liliana".

Illi fil-mertu, r-rikorrenti ghandha tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kienet u hija maghrufa konsistentement bl-isem "Liliana". Ghal dan il-ghan esebiet kopja tal-karta tal-identita` taghha, **Dok D**, fejn hi registrata bl-isem Emanuela k/a Liliana, u l-Qorti tinnota wkoll li hija ffirmat bhala L. Attard. Hi esebiet ukoll kopja tac-certifikat tal-maghmudija, **Dok C** fejn hija mnizzla bhala Liliana.

Inoltre`, r-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat li dejjem kienet imsejha bl-isem "Liliana". Illi spjegat li l-genituri taghha kienu rregistrawha bl-isem ta' Emanuela peress li kienet issemiet ghan-nanna taghha li kienet ghadha kif mietet izda minn dejjem ghajtulha bl-isem "Liliana". Ghalhekk, hi skopriet din il-kwistjoni ta' zewg ismijiet differenti meta applikat ghall-karta tal-identita` taghha. Dan gie kkorroborat minn hutha li xehdu b'affidavit. Ir-rikorrenti esebiet ukoll sensiela ta' dokumenti skolastici, certifikati, fost dokumenti ohra, fejn jidher li r-referenza ghal isimha hu dejjem ta' "Liliana".

Illi fid-dawl ta' dawn l-affidavits u tad-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li hija konsistentement kienet maghrufa sa minn tfulitha bl-isem "Liliana" u t-talba taghha hija ghalhekk gustifikata kif trid il-ligi.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid. Ghalhekk, taqbel

li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez tal-kaz odjern.

Rigward il-hames eccezzjoni, taqbel mal-intimat li mhuwiex il-legittimu kontradittur fir-rigward tat-talba ghall-korrezzjoni tal-passaport, billi l-Agenzija li temani l-passaporti u l-karti tal-identita` mhix parti minn dawn il-proceduri. Izda, l-Qorti tifhem li ghandhom jadottaw il-konnotati kif imnizzla u korretti fl-att tat-twelid tar-rikorrenti u fl-atti l-ohra tal-istat civili kif korretti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba billi l-pubblikazzjoni gja saret.

2) Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-isem li l-attrici kienet konsistentement maghrufa bih huwa 'Liliana' u mhux l-isem li jidher fuq l-Att ta' twelid taghha, ossija 'Emanuela';

3) Tilqa' t-tielet talba u tordna korrezzjoni fl-Att tat-twelid li jgib in-numru elfejn, disa' mija u wiehed u erbghin tas-sena elf disa' mija u sebghin (2941/1970) billi fil-kolonna ntestata *'isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* jithassar l-isem 'Emanuela' u jibqa' biss jigi registrat l-isem 'Liliana' 'Dok. A';

4) Tilqa’ r-raba' talba billi tordna li l-att taz-zwieg numru 681 tas-sena 1992 jigi korrett billi l-isem “Emanuela” jigi sostitwit bl-isem “Liliana”. Illi tordna wkoll li l-att tat-twelid tat-tifel taghha Kurt Attard bin-numru 4386 tas-sena 1995 jigi korrett fis-sens li r-referenza ghal isem ir-rikorrenti ghandu jigi korrett billi l-isem “Emanuela” ghandu jigi sostitwit bl-isem “Liliana”. Fir-rigward tat-talba ghall-korrezzjoni tal-passaport, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghar-raguni spjegata.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b’kopja tas-sentenza ta’ din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta’ Jannar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta’ Jannar 2017**